

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1508****tal-10 ta' Ottubru 2018****li jiffissa l-koeffiċjent tad-deprezzament li għandu jiġi applikat għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat f'intervent pubbliku fis-sena ta' kontabilità 2019**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 <sup>(2)</sup> jistipula l-finanzjament tad-deprezzament tal-prodotti agrikoli maħżuna f'intervent pubbliku.
- (2) Il-punti 1, 2 u 3 tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014 jistabbilixxu l-metodu li bih jiġi kkalkulat il-perċentwal tad-deprezzament, li għandu jiġi applikat fil-forma ta' koeffiċjent. Il-perċentwal tad-deprezzament fil-waqt tax-xiri sfurzati tal-prodotti agrikoli ma għandux jisboq id-differenza bejn il-prezz tax-xiri sfurzati u l-prezz tad-disponiment smat għal kull wieħed mill-prodotti kkonerċernati. Dan il-perċentwal irid ikun iffissat għal kull prodott qabel il-bidu tas-sena tal-kontabbiltà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tillimita d-deprezzament fil-waqt tax-xiri għal frazzjoni ta' dak il-perċentwal ta' deprezzament, li ma tistax tkun anqas minn 70 % tad-deprezzament totali.
- (3) Il-koeffiċjent għat-trab tal-ħalib xkumat li jrid jiġi applikat mill-Istati Membri għall-valuri mensili tax-xiri sfurzati fis-sena tal-kontabilità 2019 jenħtieġ għalhekk li jkun stabbilit.
- (4) Fl-interess ta' ġestjoni soda tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi nnotifikata dwar l-ispiża li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent tad-deprezzament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-rigward ta' trab tal-ħalib xkumat li huwa suġġett għal xiri sfurzati b'intervent pubbliku u li jinħażen jew jgħaddi fidejn l-Istati Membri bejn l-1 ta' Ottubru 2018 u t-30 ta' Settembru 2019, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent tad-deprezzament ta' 0,21 għall-valur ta' trab tal-ħalib xkumat suġġett għal xiri sfurzati kull xahar.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammonti ta' nefqa li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-koeffiċjent tad-deprezzament stipulat fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' nfiq stabbiliti b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 906/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infiq b'intervent pubbliku (ĠUL 255, 28.8.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenzji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanzji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---